MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2009

Avviz Numru. 350/2008

**George Muscat**

**vs**

**Il-Palma Agricultural Supplies Limited (C-10770)**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tar-rikorrent ghall-kundanna tas-socjeta` intimata ghall-hlas tas-somma ta' sebat elef erba' mija u wiehed u hamsin Ewro u sebgha u sittin cetezmu (€7,451.67) rapprezentanti hlas ta' kera dovuta lir-rikorrent ghall-lokazzjoni tal-fond, ossia *garage* bla numru u bl-isem "Palm", Triq l-Gharram, Zebbug, ghall-perjodu bejn il-15 ta' Lulju tas-sena 2007 sal-15 t'Ottubru tas-sena 2008 u dan ai termini ta' l-iskrittura datata 3 ta' Lulju tas-sena 2003 redatta min-Nutar Dott. Pierre Falzon, kopja annessa u mmarkata Dok A,**

**u liema somma s-socjeta' intimata giet inutilment interpellata biex thallas;**

**Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet kummercjali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) dekorribbli mid-data tad-dovut pagament sad-data tal-pagament effettiv, ai termini ta' l-artikolu 1141 (1) tal-Kodici Civili, u bir-rizerva ta' kull dritt fil-Ligi u bis-socjeta' intimata ngunta ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tar-rikorrent sabiex is-socjeta` intimata twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta'  Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta` intimata naqset u ma deher l-ebda rapprezentant taghha, la fit-18 ta' Frar tas-sena 2008 meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrent u tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas is-somma ta' sebat elef erba' mija u wiehed u hamsin Ewro u sitta u sebghin centezmu (€7,451.67)  lir-rikorrent George Muscat;**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif dedotti kontra s-socjeta' intimata Il-Palma Agricultural Supplies Limited.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------